MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 234/2004

**Filippa Abela.**

**vs**

**Alfons *sive* Alfie Bonavia, Charles *sive* Charlie Ciappara u Anthony *sive* Tony Ciappara.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' April 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuchieri fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija proprjetarja tal-fond *Flat* 1, Marquita *Flats*, St. Anthony Street, Bugibba, li gie minnha akkwistat

permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Dicembru 1982 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius (Dok “A”);

Illi apparti l-proprjeta' ta' dan il-*flat* l-attrici gie lilha riservat id-dritt li tuza ma' proprjetarji ohrajn l-entratura u t-tarag sal-bejt u l-bejt tal-*block flats* u dan kif jirrizulta mill-istess att ta' akkwist;

Illi wiehed mill-konvenuti Alfons Bonavia applika mal-Awtorita` kompetenti biex jigi nstallat *lift* fil-partijiet tal-*flat* imsemmi intizi ghall-uzu komuni u dan kif jirrizulta mid-dokument markat Dokument “B”;

Illi *ciononostante* kull oggezzjoni u oppozizzjoni tal-attrici, l-konvenuti jew min minnhom ipprocedew bil-pjanijiet taghhom biex jinstallaw il-*lift* in kwistjoni;

Illi wara d-9 ta' Marzu 2004 il-konvenuti jew min minnhom taw bidu ghall-esekuzzjoni tal-installazzjoni tal-*lift* in kwistjoni u dan billi haffru speci ta' hofra jew bokka fil-parti intiza ghall-uzu komuni, billi wkoll wahhlu *frame* tal-hadid li jserrah mal-proprjeta` tal-attrici intiz li fih jitqieghed il-*lift*, nehhew parti mit-tarag u ghamlu iehor floku, u sahansitra caqalqu l-qanpiena tal-bieb tal-fond tal-attrici;

Illi l-Perit Godwin Agius hejja rapport dwar ix-xoghlijiet li saru sa issa mill-konvenuti u kif dawn jincidu fuq id-drittijiet tal-attrici u b'liema mod gew u/jew ser jigu pregudikati tali drittijiet (Dok “C”);

Illi l-agir tal-konvenuti jew min minnhom jammonta ghall-kommissjoni ta' spoll da parti taghhom fit-termini ta' dak li jiddisponi l-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, peress li l-attrici giet molestata fil-pussess, tgawdija u detenzjoni mhux biss tal-proprjeta` taghhom izda wkoll ta' dawk il-partijiet fl-imsemmi blokk ta' *flats* intizi ghall-uzu komuni;

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma determinati li jkomplu ghaddejja bil-pjanijiet taghhom u ma jridux li jirripristinaw is-sitwazzjoni ghall-i*status quo ante*;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li bl-agir taghhom kif fuq spjegat huma ikkommettew spoll *di fronte* tal-attrici u dan fit-termini tal-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**,

2. Tikkundannahom u tordnalhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristinaw is-sitwazzjoni ghall-*status quo ante* u jreggghu kollox ghalli kien billi *inter alia* jnehhu l-bokka *ossia* hofra tal-*lift*, kull *frame* u oggett iehor tal-hadid intiz ghal-*lift* imsemmi, jergghu jgibu t-tarag imsemmi kif kien u kif ukoll iqieghdu l-qanpiena tal-bieb tal-attrici fejn kienet u dan okkorrendo b'opera u taht supervizjoni ta' periti nominandi, u

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jew min minnhom jaghmel dak lilu ordnat, l-attrici tigi awtorizzata taghmel dak kollu necessarju ghall-fini tat-tieni (2) talba a spejjez tal-istess konvenuti taht is-supervizjoni tal-perit nominat mill-Qorti,

4. F’kaz li l-attrici taghmel ix-xoghlijiet hi kif jinghad fit-talba numru tlieta (3), tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment u ndivizament bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha inkorsi, wara li jigu certiflkati mill-perit mahtur mill-Qorti kif fuq mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni li qieghed jigi pprezentat kontestwalment mal-prezenti u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol 11 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-12 ta’ Mejju 2004.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 30 ta' April 2004 a fol. 16 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi bl-installazzjoni tal-*lift* mertu ta' din il-kawza huma mhux ser jimmolestaw jew itellfu lill-atturi fil-pussess tgawdija u detenzjoni tal-proprjeta` taghhom jew tal-partijiet komuini tal-kumpless ta' bini *de quo*. Ghalhekk ma jikkonkorrux l-elementi ta' spoll fit-termini tal-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michudda bl-ispejjez.

2. Illi t-talbiet attrici nfondati fil-fatt u fid-dritt u *ai termini* tal-**artikolu 8 (2)(b) u (5) tal-Kap. 398 tal-Ligijiet ta' Malta** peress illi l-konvenuti ghandhom interess li jigi installat l-imsemmi *lift* u peress illi dan mhux ser jikkreja pregudizzju serju lill-attrici.

3. Illi l-eccipjenti ghandhom kull dritt li jinstallaw l-imsemmi *lift* u dan *stante* li hemm il-kunsens mehtieg ghal dan il-ghan *ai termini* tal-**artikolu 8 (1) u (2) (b) tal-Kap. 398 tal-Ligijiet ta' Malta.** Fil-fatt l-installazzjoni tal-imsemmi *lift* hija appoggata mill-kondomini kollha tal-kumpless *de quo* salv l-attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. Apparti hekk l-installazzjoni tal-istess *lift* hija koperta bil-permessi kollha relattivi (Dok."A1").

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti a fol. 17 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 18 sa fol. 22 tal-porcess.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri datati 12 ta' Mejju 2004 sad-19 ta' Ottubru 2005 fejn il-kawza thalliet ghall-informazzjoni ulterjuri peress li kien hemm appell pendenti fuq il-proceduri ta' arbitragg li kien hemm pendenti bejn il-partijiet.

Rat in-nota attrici a fol. 27 tal-process li biha pprezentat l-affidavit taghha Dok. "PA 1" datat 26 ta' Lulju 2004 u r-ritratti esebiti bhala Dok. "NC1" sa Dok. "NC 6".

Rat ix-xhieda tal-Perit Godwin Abela datata l-1 ta' Marzu 2005.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti kif presjeduta datati 18 ta' Jannar 2006 u 21 ta' Frar 2006 fejn il-kawza giet differita *Sine Die* pendenti l-ezitu tal-appell.

Rat ir-rikors ta' Filippa Abela datat 10 ta' Lulju 2006 a fol. 54 tal-process fejn l-attrici talbet li l-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija tigi riappuntata; u l-Qorti, wara li rat in-nota datata 7 ta' Awwissu 2006 laqet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghall-10 ta' Jannar 2007, u nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Anna Mallia.

Rat is-sentenza datata 22 ta' Marzu 2006 fl-ismijiet **"Philippa Abela vs Charles Ciappara et"** (A.I.C. (PS) – 22 ta' Marzu 2006 (fol. 62 u fol. 99)

Rat in-nota attrici datata 7 ta' Awissu 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia, ix-xhieda quddiemha prodotta u d-dokumenti hemm esebiti kif jidher a fol. 146 *et squitur* tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia pprezentat fid-9 ta' Gunju 2008 u mahluf fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2008 liema rapport qieghed esebit a fol. 214 sa fol. 228 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif attwallment presjeduta fejn fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Roberto Montalto ghall-konvenuti u Dr. Charmaine Galea ghall-attrici. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza git differita ghall-25 ta' Gunju 2009 ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tikkontendi li bil-bidu tal-installazzjoni ta' *lift* fil-blokk ta' *flats* maghruf bhala Marquita *Flats*, St. Anthony Street, Bugibba, konsistenti fi thaffir ta' hofra fil-parti intiza ghall-uzu komuni tal-*flats*, fi twahhil ta' *frame* tal-hadid li jserrah mal-fond tal-attrici *Flat* 1 fl-istess blokk ta' *flats*, tnehhija ta' parti mit-tarag ta' l-istess u tibdil tal-istess, u c-caqliq ta' qanpiena tal-attrici minn post ghall-iehor jikkonstitwixxi spoll ricenti u privilegat u allura l-istess attrici talbet li kollox jigi ripristinat fl-istat originali tieghu.

Illi fil-fatt jirrizulta li skont l-affidavit attrici hija tikkonferma li hija ilha toqghod fil-*flat* in kwistjoni ghall-cirku 22 sena u qatt ma kellha problemi ma' hadd. Sussegwentament gie joqghod f'wiehed mill-*flats* certu Joseph Meilaq li qallha sabiex tressaq il-bieb taghha xi sitt pulzieri biex jaghmlu wisa' ghall-*lift*. Hija ma accettatx minkejja li offrielha flus u jaghmillha wkoll bieb tal-kewba. Kienet inbieghet l-arja ta' fuq il-blokk lill-konvenuti Ciappara li ukoll kienu issuggerew lill-attrici sabiex jaghmlu *lift* izda din regghet irrifjutat. Fit-13 ta' Marzu 2004 marret il-*flat* ghall-habta tas-7.30 p.m. u sabet il-bieb ta' barra imsakkar u meta cemplet lil tas-*second floor* ghax rat id-dawl fil-gallarija hadd ma fetah. Regghet marret fis-16 ta' Marzu 2004 u sabet kollox miftuh. Fid-19 ta' Marzu marret ma' huha Joe u sabet hofra fejn kien gej il-*lift* u kien hemm zewg pjanci li li tefawhom 'l isfel ghax kienu *close* mal-bieb taghha u marret l-ghassa u l-Mepa biex taghmel rapport. Fis-16 ta' April 2004 irceviet ittra minghand ta' Ciappara fejn qalulha li se tinzamm laqgha ghar-residenti. Fil-laqgha regghet tenniet l-oppozizzjoni taghha ghall-*lift* u li ma kinetx lesta li tohrog spejjez ghall-*lift*.

Illi min-naha tieghu fl-affidavit tieghu Charles Ciappara jghid illi huwa joqghod fil-blokk in kwistjoni flimkien mal-konvenuti l-ohra. Huwa kien xtara l-arja fuq dan il-blokk flimkien ma' huh, konvenut ukoll fil-kawza. Huma bnew appartament u *penthouse*; huwa joqghod fil-appartament u huh fil-*penthouse*. Huwa jghid li l-attrici ma tghix regolarment fil-*flat* taghha u tkun hemm fil-*weekends* fis-sajf u fix-xitwa ma tersaqx 'l hemm. Is-sidien tal-*flats* kienu fthemu li jinstallaw *lift* izda l-attrici ma qablitx. Kien gie inkarigat il-Perit Mannie Galea sabiex jiccertifika li l-*lift* ma kienx se johloq inkonvenjent.

Illi jirrizulta li l-Mepa kienet harget permess izda l-attrici ghamlet mandat ta' inbizzjoni u x-xoghol kellu jieqaf. Il-konvenut Bonavia xehed illi l-kaxxa li tidher f'Dok NC4 u NC5 hija temporanja u jidher li rikbet fuq ix-xambrella tal-*lift*. Qal li veru li caqalqu l-qanpiena tal-*lift* min-naha ghall-ohra u ma jafx jekk talbuhiex permess ghax ix-xoghol mhux hu ghamlu. L-attrici la tathom permess ghac-caqliq tal-qanpiena u lanqas biex iwahhlu l-kaxxa max-xambrella.

Illi dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, l-Qorti tosserva illi l-argument l-installazzjoni tal-*lift* in kwistjoni mhux se jikkreja pregudizzju serju lill-attrici jinghad li dan jinsab illum kontrapost kemm mid-decizjoni tal-arbitru u kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet "**Philippa Abela v Charles Ciappara et"** fit-22 ta' Marzu 2006).

Illi fil-fatt fl-istess procedura gie stabbilit li l-istess xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna saru qabel ma saret il-laqgha tal-kondomini tas-26 ta' April 2004 u wkoll li l-istess xoghlijiet kienu ser jaffettwaw b'mod sostanzjali l-uzu u t-twagdija tal-partijiet komuni ta' l-istess kondominum u ghalhekk kien hemm il-htiega ta' kunsens unanimu tal-kondomini skont l-**artikolu 8 (3) (b) tal-Kap. 398** u l-istess kunsens kien necessarju wkoll ghaliex ix-xoghol li sar kien ser jaffettwa l-istabilita' jew is-sigurezza tal-bini kif indikat skont l- l-**artikolu 8 (3) (c) tal-Kap. 398.**

Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell dan kollu gie kkonfermat li ladarba gie stabbilit mill-istess Lodo u li x-xoghlijiet li saru kienu jikkawzaw lill-attrici *"molestja li hi gravi u mhux facilment tollerabbli"* dan ifisser li tali xoghlijiet mhux permessi ghaliex joholqu pregudizzju serju lill-attrici skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 8 (5) tal-Kap. 398** u b'hekk il-Qorti kkonfermat id-decizjoni tal-Arbitru.

Illi fil-fatt fl-istess lodo ntqal li *"ghalhekk, stante li r-rikorrent ma wriet l-ebda intenzjoni li taccetta li ccaqlaq il-bieb taghha, jidher car illi jekk il-lift jigi installat fil-post u bil-mod li jridu l-kondomini l-ohra, dan sejjer jikawzalha molestja li hija gravi u mhux facilment tollerabbli. Tali molestja tirrizulta wkoll fil-kaz li l-enclosure tal-lift propost jasal sa quddiem parti mix-xambrella vertikali tal-bieb ta' l-appartament tar-rikorrent.'* B'hekk din il-Qorti se tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut;

Illi stabbilit dan, jinghad li l-kawza odjerna hija wahda ta' spoll privileggat. Huwa pacifiku l-principju illi *"l-azzjoni ta' spoll hija rikonoxxuta lil kwalunkwe persuna li jkollha l-pussess, ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, u li dan il-pussess jista' anke jkun illegittimu jew abuziv basta li bhala fatt materjali dak il-pussess ikun fil-persuna vittma ta' l-ispoll"* – **"Paul Demarco vs Francesco Fiteni"** (P.A.  - 6 ta' Gunju 1957).

Illi gie ritenut diversi drabi li *"l-kuncett bazilari ta' l-azzjoni ta' l-ispoll huwa dak ta' l-ordni socjali bbazat fuq dik l-istabilita` guridika li trid li kull bidla possibbli trid issir fit-termini u fil-parametri li trid il-ligi stess"* (**"Angelo Pisani –vs- Edwin Ferris"** – P.A. - 30 ta' Jannar 1989);

Illi proprju ghalhekk jinsab akkolt u affermat il-principju li *"l-artikolu tal-ligi li jikkontempla dina l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b' awtorita` privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati, u ma' dak l-artikolu huwa marbut l-iehor tal-Procedura Civili li jahseb u*

*jghid li kontra azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji"* – **"Margherita Fenech –vs- Pawla Zammit"** (P.A. - 12 ta' April 1958).

Illi konsiderat dan kollu u wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, nkluz dak li jirrizulta mid-decizjonijiet fuq msemmija, jinghad u qed jigi ritenut li ma jezisti l-ebda dubju li l-attrici tikkwalifika bhala persuna spoljata mill-pussess li kienet tgawdi sia esklussivament u sia flimkien mal-konvenuti ghall-partijiet komuni tal-istess blokk tal-*flats* mertu tal-kawza odjerna. Huwa assodat illi l-unika haga li kellha taghmel l-attrici ghas-success ta' l-azzjoni taghha kien *"li jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat. Ma kienx mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu. Kien il-fatt fiziku tal-pussess li kien rilevanti ghall-materja ta' spoll gjaladarba jkun eskluz li l-persuna spoljata tkun qed tiddetjeni l-fond b' mera tolleranza"* (fatt dan li fil-kaz prezenti ma jokkorrix u lanqas biss gie allegat mill-konvenuti) – **"Joseph Vassallo Gatt *nomine* –vs- Joseph Camilleri *proprio et nomine*"** (A.C. - 26 ta' Jannar 1996).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici hija propretarja tal-*flat* taghha u dan skont kuntratt datat 21 ta' Dicembru 1982 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius u kellha wkoll l-uzu flimkien mal-proprjetarji l-ohra tal-partijiet in komun tal-istess korp ta' *flats*. *In oltre*, jirrizulta li l-konvenuti ppruvaw jikkonvincu lill-attrici sabiex taghti l-kunsens taghha ghall-*lift* izda hija qatt ma tat dan il-kunsens. Sussegwenetment u minghajr il-kunsens tal-attrici fil-parti in komun tal-istess blokk ta' *flats* giet imhaffra toqba sabiex isir dan il-*lift*; il-qanpiena tal-attrici giet fisikament imressqa mill-*electrician* li gie imqabbad mill-konvenut Ciappara; kien hemm twahhil ta' *frame* tal-hadid li jserrah mal-proprjeta' tal-attrici intiz li fih jitqieghed il-*lift*; tnehhija ta' parti mit-tarag u ghamlu iehor floku. L-attrici irnexxielha tipprova li hija kellha il-pussess methieg ta' fejn saru x-xogholijiet citati imsemmija, kemm mill-affidavit u dikjarazzjoni guramentata taghha, mill-kuntratti esibiti kif ukoll

sahanistra mix-xhieda tal-konvenuti li dejjem talbu l-premess taghha.

Illi lanqas ma jezisti dubju illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u abuziv. Dan anke ghaliex jikkonsisti f'att arbitrarju li *marte proprio* sar kontra l-volonta` ta' l-attrici. Kif ahjar imfisser, *'mhux mehtieg li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew hsara lil min isofri l-ispoll; u ghalhekk huwa wkoll indifferenti z-zmien li jkun dam l-ispoll u l-entita` tat-tfixkil jew hsara lill-ispoljat'* (**"Caterina Vella vs. Giovanni Vella"** P.A. - 4 ta' Novembru 1957).

Illi l-istess Charles Ciappara fl-affidavit tieghu pprezentat fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2008 jammetti, *'kien ghalhekk li bi qbil bejn l-erbgha kondomini li semmejt (u ghalhekk kulhadd salv l-attrici) kien deciz li l-lift indikat fir-rapport Dok. "A" jigi nstallat u wara li kien inhareg anke il-permess tal-Mepa kien beda ix-xoghol rikjest liema xoghol gie mwaqqaf wara li l-attrici ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni f'dan ir-rigward".* Ciappara jghid ukoll li sabu mudell iehor ta' *lift* sabiex huma jinstallaw *lift* b'dimensjoni ftit izghar u bieb li jinfetah ghal fuq it-tarag u mhux ghal quddiem il-bieb tal-attrici. Dan ikompli jikkonferma l-ammissjoni tal-konvenuti li kollha qablu mal-affidavit ta' Charles Ciappara li l-kabina tal-istess *lift* kienet ser tirkeb ftit fuq ix-xambrella tal-bieb tal-attrici. L-agir tal-konvenuti kien kollu kemm hu minghajr il-kunsens tal-attrici.

Illi jinghad ukoll li ma saret l-ebda eccezzjoni dwar dan it-terminu ta' xahrejn bejn l-att spoljattiv u l-azzjoni. L-attrici tghid li x-xogholijiet saru wara l-4 ta' Marzu 2004 u c-citazzjoni promotrici saret fil-5 ta' April 2004 u cioe' fit-terminu tal-ligi. Dan qatt ma gie kontradett mill-konvenuti u anki minn ezami tax-xhieda tal-konvenuti jidher ippruvat li l-attrici fethet il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi ghaliex il-konvenuti jghidu li x-xoghol kellu jibda wara l-approvazzjoni tal-Mepa u sal-5 ta' Frar 2004 dan il-permess kien ghadu ma harigx u x-xoghol kien ghadu ma bediex. Mhux biss izda mill-lodo jirrizulta li x-xoghol sar wara li hareg il-permess fl-24 ta' Frar 2004 u qabel ma'

saret il-laqgha tal-kondomini fis-26 ta’ April 2004. Dan iffisser ukoll li tali xoghol qabel ma giet segwita kull tip ta’ procedura skont il-**Kap. 398**, u dan qed jinghad biss kemm dan jista’ jkun relevanti ghall-kaz odjern, peress li l-istess **Att dwar il-Condominia** mhux intiz sabiex b’xi mod jissupera l-kuncett ta’ spoll.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li bl-agir taghhom kif fuq spjegat il-konvenuti kkommettew spoll *di fronte* tal-attrici u dan fit-termini tal-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jirripristinaw is-sitwazzjoni ghall-*status quo ante* u jregghu kollox ghalli kien billi *inter alia*, inehhu l-bokka *ossia* hofra tal-*lift*, kull *frame* u oggett iehor tal-hadid intiz ghal-*lift* imsemmi, jregghu jgibu t-tarag imsemmi fl-istat li kien qabel, u wkoll iqieghdu l-qanpiena tal-bieb tal-attrici fejn kienet u dan taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Robert Musumeci, li qed jigi hawn nominat mill-Qorti sabiex jissorvelja l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti.

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat skont it-tieni talba attirici u dan fit-terminu qasir u perentorju hawn prefiss f’din is-sentenza, din il-Qorti tawtorizza lill-attrici taghmel dak kollu necessarju ghall-fini tat-tieni talba sabiex kollox jigi ripristinat fl-istat originali tieghu qabel ma saru l-istess xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna u dan taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-Perit Robert Musumeci, li qed jigi hawn nominat mill-Qorti sabiex jissorvelja l-istess xoghlijiet kollox a spejjez tal-konvenuti.

4. Illi konsegwenti ghat-tielet talba fejn il-Qorti awtorizzat lill-attrici taghmel ix-xoghlijiet hi kif inghad fil-

paragrafu precedenti, l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment u ndivizament bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha inkorsi, kollox skont ic-certifikazzjoni tal-istess Perit Robert Musumeci hawn nominat, tali nomina wkoll a spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------